MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 38/2002

**Arcipriet Alfred Vella.**

**vs.**

**Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Arcipriet Alfred Vella pprezentat fit-22 ta' Ottubru 2002 fejn intqal is-segwenti:-

A skans ta' diffikultajiet processwali jinghad mill-ewwel li dan il-kaz hu identiku fil-meritu mal-kaz **"L-Arcidjaknu tal-Kattidral (ta' Ghawdex) kontra l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** li dwaru hemm appell pendenti. Jixraq ghalhekk li dan l-appell jigi trattat ma' l-Appell ta' l-imsemmi Arcidjaknu ghax il-meritu hu simili. L-istess jinghad dwar il-kaz **"Joseph Aquilina noe vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** li jirrigwarda <u>l-istess meritu</u> ghal dak prezenti.

Sostanzjalment jinghad li l-ilmenti ta' l-appellant huma duplici:

1. Qatt ma kellu jigi citat l-Arcipriet billi b'digriet tat-3 ta' Awissu 1983 Monsinjur Arcisqof assuma l-amministrazzjoni ta' l-entitajiet djocesani kollha ta' Malta u b'digriet tat-31 ta' Dicembru 1991 hatar ekonomu (illum Vincent E. Ciliberti) fit-termini ta' l-**artikolu 789(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili**: din l-eccezzjoni giet michuda b'decizjoni preliminari ta' l-Awtorita' ta' l-14 ta' Gunju 2002.

2. Monsinjur Arcisqof m'ghandu bzonn ta' ebda permess <u>minn hadd</u> ghal xoghlijiet li hu jordna li jsiru <u>gewwa</u> knejjes (bhal fil-kaz prezenti) a differenza ta' xogholijiet li jsiru barra (nghidu ahna mal-faccata ta' barra ta' Knisja).

L-esponenti jaghmel tieghu l-argument li qanqal Monsinjur Arcidjaknu ta' Ghawdex fir-rikors ta' l-Appell tieghu a bazi anki tal-ftehim li sar bejn is-Santa Sede u Malta fit-28 ta' Novembru 1991 li gie inkorporat fl-**Att numru IV ta' l-1992** u ghalhekk hu parti mill-Ligijiet ta' Malta. Anke din l-eccezzjoni giet michuda mill-Awtorita' bid-decizjoni preliminari taghha ta' l-14 ta' Gunju 2002. L-esponenti kien ghamel nota dwar din l-eccezzjoni li giet rigettata mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar.

Monsinjur Arcisqof hu genwinament inkwetat bid-decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ghax mhux biss ixejnu l-Awtorita' Tieghu dwar xi jsir <u>gewwa</u> l-Knejjes izda anki, sa certu punt, jinnewtralizza l-Ftehim milhuq bejn is-Santa Sede u l-Gvern li jillibera l-propjeta' li m'ghaddietx ghand il-Gvern mill-obbligi jew kundizzjonijiet li jistghu jirrizultaw minn xi ligi jew xi ftehim bejn entita' ekklesjastika u l-Gvern jew xi entita' pubblika ohra. Monsinjur Arcisqof b'sostenn tat-tezi tieghu semma anke xi jsir l-Ingilterra u l-Italja.

*Del resto* x-xogholijiet li l-Awtorita' ilmentat minnhom jikkonsisti fil-mili ta' *"cavities in the walls in order to*

*restabilize the structure as well as to carry out remedial maintenance work on the internal façade of the main pilaster"*. Allahares anke ghaldaqstant, l-Arcisqof kellu jissottometti ruhu ghal 'fiat' ta' xi awtorita' estranja ghall-Knisja.

Il-kwistjoni ghall-Knisja hi ta' mportanza massima u hadd ma jixtieq li jkun hemm konflitt serju bejn l-Awtorita' Ekklesjastika u dik Civili. In-noti skambjati fil-kors tas-smigh ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar juru l-preokkupazzjoni ta' l-Awtoritajiet tal-Knisja li dan il-konflitt ma javverax ruhu.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmel ampja referenza ghan-noti skambjati quddiem il-Bord jitlob bir-rispett li d-decizjoni li ta l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fil-11 ta' Ottubru 2002 tigi mibdula u li jigi rikonoxxut id-dritt ta' Monsinjur Arcisqof li jiddeciedi Hu x'isir gewwa Knisja — naturalment fuq il-presuppost li Monsinjur Arcisqof hu bniedem ragonevoli u mhux se jawtorizza li ssir xi haga minn tarf id-dinja!

Rat id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar datata 11 ta' Ottubru 2002 li minnha sar appell;

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp li gietipprezentata fl-10 ta' Jannar 2003 fejn intqal:-

1. Illi d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar hija gusta u timmerita konferma *stante* illi:

a. Rapprezentanza guridika ta' l-entitajiet ekklesjastici:

Illi a tenur ta' l-**artikolu 52 (1) u (5) ta' l-Att I ta' l-1992**, l-Awtorita` esponenti ghandha l-poter li tohrog Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq fuq is-sid jew fuq l-okkupant. Illi dan huwa l-istat ta' fatt legali, u l-Bord ta' l-Appelli 'nterpreta d-dispozizzjoni legali. Ghaldaqstant l-argument imressaq mill-appellant huwa ghal kollox irrilevanti *stante* li fil-kaz in kwistjoni, ma japplikawx l-argumenti mressqa mill-appellanti, izda jekk fil-fatt il-persuna li fuqha nhareg l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq kienx sid jew okkupant.

Jekk fil-fatt l-Arcipriet Alfred Vella huwiex l-okkuppant tal-fond in kwistjoni, hija minn naha l-ohra kostatazzjoni ta' fatt, u mhux decizjoni minn naha tal-Bord ta' l-Appelli fuq punt ta' Ligi li minnha jista` jsir appell quddiem din l-Onorabbli Qorti a tenur ta' l-**artikolu 15 ta' l-Att I ta' l-1992**, u ghaldaqstant, l-appell interpost mill-appellant fuq din il-kawzali huwa null u ghandu jigi michud.

Illi *in ogni caso*, anke jekk wiehed iqis applikazzjonijiet li normalment isiru minn entitajiet ekklesjastici ma' l-Awtorita esponenti, dawn dejjem isiru mill-Kappillan tar-rahal in kwistjoni jew minn min ikun jiehu hsieb is-sit in kwistjoni. Ghal dan il-ghan issir referenza ghall-applikazzjonijiet li qeghda ssir referenza ghalihom izjed 'il quddiem.

b. Htiega ta' permess.

Illi l-aggravju principali ta' l-appellant huwa jekk fil-fatt entita` ekklesjastika ghandhiex bzonn tapplika ma' l-Awtorita` esponenti ghall-hruq ta' permess taht l-**Att 1 ta' l-1992**, in relazzjoni ma' xogholijiet li ghandhom isiru f'entitajiet eklesjastici.

Illi dan il-punt gie dibattut fid-dettal fl-appell **"Arcidjakonu tal-Katidral vs l-Awtorita ta' l-Ippjanar"** (Appell jinsab pendenti ghat-trattazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti u jkun opportun li anke dan l-appell kif ukoll l-appell **"Aquilina noe vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** jinstemghu flimkien.

Illi a skans ta' ripetizzjonijiet inutili, ssir referenza ghar-risposta ta' l-Awtorita` esponenti u ghall-atti processwali ta' l-Appell l-ismijiet **"Arcidjaknu tal-Katidral vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar" (Appell numru 1/02).**

*Oltre* dak diga` kontenut fl-istess risposta u atti processwali, l-Awtorita` esponenti taghmel ukoll is-segwenti osservazzjonijiet:-

i. L-argument imressaq mill-appellanti huwa daqstant iehor frivolu meta wiehed iqis il-process kollu segwit mill-Awtorita` esponenti fl-applikazzjoni tal-poteri taghha taht l-**Att 1 ta' l-1992**. Infatti mill-atti processwali jirrizulta car illi l-proprjeta in kwistjoni kienet giet skedata mill-istess Awtorita` esponenti, u dak iz-zmien, ma jirrizultax li l-appellant kien ha xi proceduri biex jannulla l-istess skedar abbazi ta' l-argument tieghu huwa ma jaqax taht l-**Att 1 ta' l-1992.**

ii. *Oltre* dan, l-istess Awtoritajiet ekklesjastici tant iqisu ruhhom suggetti ghall-**Att 1 ta' l-1992**, illi l-istess issottomettew applikazzjonijiet quddiem l-Awtorita` esponenti rigwardanti zvilupp li l-istess kienu intenzjonati li jaghmlu. Fost dawn wiehed isib:

a. PA 3275/02 rigwardanti il-knisja ta' Marsaskala;
b. PA 4055/99 rigwardanti bini ta' centru pastorali fil-Gharghur fuq art propjeta` tal-knisja;
c. PA 985/99 rigwardanti restawr fil-knisja tal-Gudja;
d. PA 1445/95 rigwardanti bini ta' sala taht is-sagristija tal-Knisja ta' Rahal il-Gdid;

iii. Illi l-appellant, quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar ghogbu jaghmel paragun mal-provvedimenti tal-*Planning (Listed Buildings & Conservation Areas) Act, 1990* u l-*Ecclesiastical Exemption (Listed Buildings & Conservation Areas) Order, 1994* fl-Ingilterra. Hija l-umli opinjoni ta' l-Awtorita esponenti illi dan il-paragun li sar mill-appellant juri izjed bic-car illi d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli hija korretta *stante* li f'Malta m'ghandhiex Ligi specjali bhal ma huma dawk li hemm fl-Ingliterra li jezentaw certu propjetajiet ekklesjastici mill-obbligi u l--oneri tal-legislazzjoni dwar l-Ippjanar. Tant huwa hekk illi anke l-Ingilterra, certu propjeta` biss hija ezenti permezz ta' Att *ad hoc*, u mhux il-propjeta` kollha tal-Knisja — bhal ma jippretendi l-appellant.

iv. Illi l-ezempji mressqa mill-appellant biex juri d-diffikultajiet kbar u l-preokkupazzjoni li l-appellant ikun suggett ghall-**Att I ta' l- 1992**, huma kollha bbazati fuq Knejjes, u l-limitazzjonijiet li jistghu jigu mposti fuq l-

appellant fl-ipprattikar tar-Religjon Kattolika. Izda mkien ma jissemmew ezempji dwar proprjeta residenzjali u propjeta` ohra li kienet suggetta ghall-ftehim bejn il-Gvern u l-Knisja, u liema proprjeta, skond l-argument ta' l-appellant hija daqstant iehor ezenti mill-provvedimenti ta' l-**Att 1 ta' l-1992.**

*In vista* tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell datata hdax (11) ta' Ottubru 2002 u tirrizerva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar hdax, (11) ta' Ottubru 2002, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar li bihom esebixxa *animo ritirandi,* l-*file* tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet **"Arcipriet Alfred Vella vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-Bord.

Rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta' Frar 2003; ta' l-10 ta' Marzu 2002 u tas-17 ta' Marzu 2003 fejn id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Novembru 2003 u wara giet differita ghas-sentenza ghall-lum 27 ta' Novembru 2003, sabiex it-tlett kawzi citati jigu decizi fl-istess data.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota ta' l-appellant tas-17 ta' Mejju 2002 fejn permezz taghha esebixxa *site-plan* immarkata bhala Dok. "A" u tliet ritratti ta' l-inhawi in kwistjoni mmarkati bhala Dok. "B", "C" u "D".

Rat l-atti kollha ta' l-istess appell.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

## (I) <u>MERTU TA' L-APPELL.</u>

Illi mir-rikors ta' l-appellanti jidher li l-ilmenti tieghu huma duplici. Fil-fatt fl-ewwel lok permezz ta' l-appell odjern l-appellant Arcipriet Alfred Vella qed jilmenta li huwa qatt ma kellu jigi citat billi b'digriet tat-3 ta' Awissu 1983 l-Eccellenza Tieghu Monsinjur Arcisqof assuma l-amministrazzjoni ta' l-entitajiet djocesani kollha ta' Malta u b'digriet tal-31 ta' Dicembru 1991 hatar ekonomu fit-termini ta' l-**artikolu 789 (1) tal-Kap.12.** Din l-eccezzjoni giet michuda b'decizjoni preliminari.

Illi t-tieni lment tieghu huwa li l-Eccellenza Tieghu Monsinjur Arcisqof m'ghandu bzonn ta' ebda permess minn hadd ghal xogholijiet li hu jordna li jsiru gewwa Knejjes a differenza ta' xogholijiet li jsiru barra.

Illi dan huwa skond l-istess rikorrenti anki abbazi tal-Ftehim li sar bejn is-Santa Sede u Malta fit-28 ta' Novembru 1991 li gie nkorporat fl-**Att Numru IV ta' l-1992 (Kap 358)** li b'hekk hu parti mil-Ligijiet ta' Malta. Din l-eccezzjoni pero' wkoll giet michuda mill-Awtorita' b'decizjoni preliminari.

Illi skond l-istess rikorrenti dawn id-decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar qed jinnewtralizzaw, sa certu punt, il-Ftehim imsemmi mal-Gvern li jillibera l-propjeta` li m'ghaddietx ghand il-Gvern mill-obbligi jew kundizzjonijiet li jistghu jirrizultaw minn xi ligi jew xi ftehim bejn entita' ekklesjastika u l-Gvern jew xi entita' pubblika ohra.

Illi l-istess rikorrenti kompla jargumenta li dwar l-kwistjoni odjerna din tittratta dwar xogholijiet jikkonsistu sempliciment fil-mili ta' *"cavities in the walls in order to restabilize the structure as well as to carry out remedial maintenance work on the internal façade of the main pilaster."*

## (II) <u>RISPOSTA TA' L-AWTORITA' APPELLATA.</u>

Illi l-Awtorita' appellata rrispondiet dwar l-ewwel ilment li a tenur ta' l-**artikolu 52 (1) u (5) ta' l-Att 1 ta' l-1992**

ghandha l-poter li tohrog Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq fuq is-sid jew fuq l-okkupant. Jekk fil-fatt l-Arcipriet Alfred Vella hux l-okkupant tal-fond in kwistjoni hija konstatazzjoni ta’ fatt, u mhux decizjoni min-naha tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fuq punt ta’ ligi u kwindi l-appell interpost fuq din il-kawzali hu null u ghandu jigi michud.

Illi *inoltre* jekk wiehed iqis applikazzjonijiet li normalment isiru minn entitajiet ekklesjastici ma’ l-Awtorita’ dawn dejjem isiru mill-Kappillan tar-rahal in kwistjoni jew minn min ikun jiehu hsieb is-sit in kwistjoni.

## (III) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-EWWEL AGGRAVJU.

Illi din il-Qorti diga’ kellha diversi okkazzjonijiet biex tidhol fil-kwistjoni dwar dan l-ewwel aggravju fl-ewwel lok in linja generali jinghad li l-**artikolu 15 (2) ta’ l-Att Numru 1 tal-1992**, kif sussegwentement emendat, jghid testwalment illi:-

“*Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta’ l-Appell kostitwita skond l-* ***artikolu 41(6)*** *tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta’ ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista’ jigi pprezentat biss flimkien ma’ appell mid-decizjoni finali tal-Bord.”*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Francis Mugliett vs L-Awtorita` ta' l-Ippjanar”** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, fil-31 ta' Mejju, 1996 inghad li:-

*“Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika l-operat tal-Bord, biss w unikament in kwantu d-decizjoni jkun fiha punti ta' dritt li gew konsidrati u decizi fl-istess decizjoni. Il-ligi ma taghtix appell fuq kwistjonijiet ta' fatt decizi mill-Bord u lanqas ma hemm appell fuq punti ta' ligi sakemm il-kwistjoni ta' dritt ma tkunx giet dibattuta, trattata u definita fis-sentenza appellata.”* Fi kliem iehor, il-kwistjoni

ta' dritt li fuqha persuna aggravata tista' tappella, trid tkun diga' qamet bhala kontroversja quddiem il-Bord u l-Bord ikun ikkonsidraha u ppronunzja ruhu fuqha fis-sentenza tieghu.

Illi ukoll fil-kawza **“Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp”** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-31 ta' Mejju, 1996 inghad ukoll illi:-

*“Din il-Qorti tista' tirrevedi* <u>*biss*</u> *kwistjonijiet dwar punti ta' dritt li jkunu decizi mill-Bord. Dan jfisser li m'hemmx appell fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi. M'hemmx dritt ta' appell lanqas fuq punti ta' ligi sakemm dawn ma jkunx espressament decizi fid-decizjoni appellata. Is-semplici applikazzjoni ta' xi dispozizzjoni tal-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultaw lill-Bord jew is-semplici ennunzjazzjoni ta' xi dispozizzjoni lanqas ma jaghtu lok ghall-appell quddiem din il-Qorti. Biex l-appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa w elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata.”*

Illi kompliet tghid din il-Qorti fl-imsemmija sentenza ta’ “**Emanuel Mifsud vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp”** illi:-

*“Il-ligi tghid espressament fl-**artikolu 15 (2)** li d-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord" (illum taqra hekk wara l-emendi li saru - punti ta’ ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu).”*

Illi dawn huma l-limiti ta’ appell li jista’ jigi ntavolat quddiem din il-Qorti, li bosta drabi ddecidiet li meta l-legislatur juza’ kliem bhal dan, ma hemmx dritt ta' appell fuq is-semplici applikazzjoni tal-ligi (li tigi citata fid-decizjoni appellata) ghall-fatti tal-kaz.

Illi din l-interpretazzjoni ristrettiva hadet xejra ohra, meta fis-sentenza ricensjuri moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Cassar vs Awtorita` ta’ l-Ippjanar”** deciza fil-31 ta’ Mejju, 2002 illi:-

*"Huwa veru li interpretazzjoni esklussivament litterali tad-disposizzjoni in kwistjoni twassal ghall-konkluzjoni li s-sottomissjoni tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar hija wahda legalment korretta. Pero`, l-gurisprudenza ta' din il-Qorti ma waqfitx biex tistrieh esklussivament fuq l-interpretazzjoni litterali tad-dispozizzjoni in kwistjoni, cjoe` l-***artikolu 15 (2) tal-Att Numru 1 tal-1992***. Jekk punt tad-dritt ikun necessarjament involut fid-decizjoni tal-Bord, allura appell fuq l-istess punt ta' dritt ikun ammissibbli lil din il-Qorti ta' revizjoni, ghaliex il-Bord ikun iddecieda l-istess punt ta' dritt, sia' 'pure tacitament'. Hekk, per ezempju, nsibu diversi decizjonijiet ta' din il-Qorti li ddikjarat appell ammissibbli meta tigi sollevata l-eccezzjoni li l-Bord ikun agixxa 'ultra vires'. Dan sostanzjalment fuq il-fatt li l-Bord ikun iddecieda indirettament u tacitament li ghandu gurisdizzjoni li jiddeciedi kif iddecieda d-decizjoni tieghu."*

Illi hemm hafna x'wiehed jghid fuq l-istess decizjonijiet, pero` *in verita'* dawn kollha jsostnu u jmantnu l-principju bazilari li appell quddiem din il-Qorti kif kostwita jista' jsir biss fuq punt ta' dritt deciz mill-istess Bord.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ewwel aggravju huwa punt ta' dritt ghax jirrigwarda proprju dwar jekk l-Awtorita' pprocedietx kontra l-persuna idonea u dan kien punt li gie deciz mill-Bord.

Illi l-Bord meta ddecieda l-ewwel eccezzjoni preliminari sostna s-segwenti:-

*"Illi skond l-artikolu 52 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, avviz biex tieqaf jinhareg fil-konfront tas-sid u ta' l-okkupant. Jekk Mons. Arcisqof jista' jitqies li huwa s-sid tal-Knisja mertu ta' dan l-appell, m'hemmx dubbju li l-okkupant jew ahjar il-persuna li tiehu hsieb il-knisja mhi xejn ghajr il-Kappillan u cjoe' l-Arcipriet Alfred Vella. Irid jigi relevat ukoll illi dan il-Bord mhux marbut mid-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili peress li dan mhux rez applikabbli ghall-proceduri quddiem dan il-Bord li mhux qorti imma tribunal*

*amministrattiv. Ghalhekk ir-referenza li qed issir ghall-imsemmi Kodici mhux relevanti u dan apparti l-fatt li l-procedura tan-notifika tinsab fl-imsemmi artikolu 52 tal-Kapitlu 356 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Kodici Kanoniku ukoll assolutament mhux relevanti ghad-determinazzjoni ta' din l-eccezzjoni preliminari la darba l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp jipprovdi procedura ad hoc li trid tigi segwita fil-kaz ta' hrug ta' avviz biex tieqaf. Effettivament jirrizulta lil dan il-Bord li l-avviz biex tieqaf inhareg korrettament peress li nhareg fuq il-persuna li ai fini tal-Kapitlu 356 tista' titqies li hija l-okkupant tal-Knisja;"*

Illi din il-Qorti m'ghandhiex x'izzid wisq ma' dak li kkonkluda l-Bord. Il-ligi fl-**artikolu 52 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp** hija cara fis-sens li Avviz biex Tieqaf jew tat-Twettieq bhal dak in kwistjoni jista' jinhareg kontra s-sid jew l-okkupant jew fuq it-tnejn. M'hemm l-ebda dubju li l-okkupant jew il-persuna li tiehu hsieb il-Knisja in kwistjoni huwa l-Arcipriet Alfred Vella (dan lanqas bis kontestat) u kwindi l-procedura li ttiehdet kienet wahda korretta skond id-dispozizzjonijiet ta' l-istess artikolu.

Illi min-naha l-ohra u bla pregudizzju ghall-fatt li d-determinazzjoni ta' min huwa attwalment okkupant ta' sit hija kwistjoni ta' fatt fil-kompetenza ta' l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, jirrizulta li wkoll li anke minn ezami superficali ta' l-istess atti processwali quddiem l-imsemmi Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, l-istess appellant huwa in effetti l-okkupant tant li x-xogholijiet mertu tal-avviz li ta lok ghal dawn il-proceduri saru bl-awtorizzazzjoni tieghu kif jirrizulta konfermat mid-diversi atti processwali quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar inkluz fl-ittra datata 8 ta' Ottubru 1997 (apparti dokumenti ohra fl-istess process) fejn addirittura l-konsulent ta' l-istess appellanti odjern sostna li:-

*"Re. 2 works had been undertaken by the Archpriest "to remove the danger and to stop further deterioration of the structure" of the Parish Church".*

Illi saret mill-appellanti riferenza ghall-**artikolu 789 (1) tal-Kap 16** li jittratta dwar eccezzjonijiet ta’ nullita’ ta’ *atti gudizzjarji,* u jidher li dan l-artikolu gie citat erronjament mill-istess rikorrenti, *stante* li huwa ovvju li tali artikolu qed jittratta proprju dwar proceduri fil-Qorti u ghalhekk hemm imsemmija atti gudizzjarji  - u certament eccezzjonijiet ta’ nullita’ hemm citati ma japplikawx ghall-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar – almenu mhux abbazi ta’ l-istess artikolu.

Illi ghalhekk dan l-aggravvju jidher li huwa nfondat u ghalhekk qed jigi michud.

**(IV) KONSIDERAZZJONI GHAT-TIENI AGGRAVJU TA’ L-APPELLANT.**

Illi t-tieni aggravju huwa fis-sens li skond ir-rikorrenti l-Eccellenza Tieghu l-Monsinjur Arcisqof m’ghandu bzonn ta’ ebda permess minn hadd ghal xogholijiet li hu jordna li jsiru gewwa Knejjes u dan b’differenza ta’ xogholijiet li jsiru barra.

Illi fin-nota tieghu fil-proceduri quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar dwar dan il-punt l-appellant issottometta li l-Eccellenza Tieghu Monsinjur Arcisqof m’ghandux bzonn jikseb permess mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar ghal dak li fil-qadi tal-ministeru episkopali tieghu nkluz l-ezercizzju ta’ l-awtorita’ legittima tieghu hu jawtorizza li jsir gewwa Knisja jew Kappella. Kwindi fl-ezercizzju ta’ l-ufficcju taghhom u fl-ambitu tad-djocesi taghhom, l-Isqfijiet m’huma suggetti ghall-hadd hlief ghas-Sede Apostolika f’Ruma. Il-Knisja taghraf id-drittijiet u d-dmirijiet tal-Gvern u tirrispettahom u tharishom kull meta jolqtu c-cittadin. B’hekk taghraf li tkun trid il-permess tal-Gvern (jekk ikun hemm ligi ghalhekk) ghal kull misura ntisa biex tolqot direttament lill-privat, ezempju mhux kontestat li l-awtoritajiet ekklesjastici ghandhom jitolbu l-permess ta’ l-Awtorita’ jekk ikunu se jaghmlu xi haga fl-estern tal-Knisja imma mhux gewwa.

Illi fl-istess sottomissjoni tieghu l-istess appellanti sostna li l-izvilupp li sar ma kienx wiehed konsiderevoli. Huwa semma l-**Att VI ta’ l-2002** dwar il-Wirt Kulturali. Irrefera

wkoll ghall-pozizzjoni fl-Ingilterra li tirrispekkja dak li jsostni hu u dan jirrizulta mill-*Planning* (*Listed Buildings and Conservation Areas) Act, 1990* u l-*Ecclesiastical Exemption (Listed Buildings and Conservation Areas) Order 1994*.

Illi fuq dan il-punt l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar dwar l-Ippjanar fil-fatt iddecieda b'dan il-mod:-

*"Il-Bord, sabiex ikun f'pozizzjoni li jiddeciedi din il-materja, irid fl-ewwel lok ihares lejn l-artikolu 30 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Kuntrarjament ghall-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet, l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp fl-artikolu 30 tieghu mkien ma jezenta lil propjeta` ekklesjastika mill-operat tieghu. Ghalhekk ma hemmx dubbju ghal dan il-Bord li l-Knisja, bhal kull persuna ohra sew morali sew fizika, hija suggetta ghad-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp. Li kieku dan ma kienx il-kaz, il-Knisja tkun qed tpoggi lilha nnifisha 'l fuq mill-ligi u ccahhad lil generazzjonijiet futuri mit-tgawdija tal-patrimonju rikk li hija tiddisponi minnu u li jifforma parti mill-wirt komuni tal-umanita'. Jidher car ghalhekk li l-legislatur ma riedx jaghti l-ebda privileggi bhal dawk vantati mill-appellant lill-patrimonju ekklezjaztiku;*

*Lanqas ma jaccetta d-distinzjoni ta' l-appellant li xoghol fuq gewwa ta' Knisja ma jehtieg permess li tali zvilupp ma jissemmiex fid-Development Notification Order bhala ezenti minn permess ta' l-Awtorita'. Ghalhekk id-distinzjoni li l-appellant jaghmel bejn xoghol gewwa u xoghol fuq barra ta' Knisja mhix relevanti ghal dan l-appell. Lanqas mhu relevanti l-Att Numru VI ta' l-2002 dwar il-Wirt Kulturali, li m'ghamel l-ebda emenda konsegwenzjali ghall-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp fuq il-bazi li qed jipprospetta l-appellant u dan peress li l-artikolu 52(1) ta' l-Att Numru VI ta' l-2002 jaghmilha cara li d-dispozizzjonijiet tieghu huma "Bla hsara ghal xi ligi ohra li tista' tkun fis-sehh". Ir-referenzi ghall-ligi Ingliza u dik Taljana lanqas ma huma relevanti stante li l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp imkien ma jpoggi lill-Knisja fuq pedestall u jezentaha mid-dispozizzjonijiet tieghu;"*

Illi filwaqt li l-Qorti sejra tikkumenta iktar 'il quddiem dwar din id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jidher car li l-istess appellanti f'dan l-appell qed jorbot is-sottomissjoni tieghu ma' dak li gie ntavolat fl-appell ukoll quddiem il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"L-Arcidjaknu tal-Katidral vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** fejn f'dik il-procedura qed jinghad li l-**Att I ta' l-1992** ma japplikax fil-konfront tar-rikorrenti u l-Knisja u/jew Katidral mertu taz-zewg proceduri *stante* l-Ftehim milhuq bejn is-Sante Sede u l-Gvern abbazi dwar it-trasferiment ta' propjeta` ekklesjastika u dan peress li l-istess **artikolu 3 (c) ta' l-imsemmi ftehim** jipprovdi li:-

*"As on the date of the coming in force of the present Agreement all the property at present in the possession of ecclesiastical entities whether retained by the them or trasferred to the State by virtue of the present Agreement:-*

*(c) is freed, nothwithstanding any other provision of law, from any obligation and condition, or in any case from any restriction whatsoever retaining to its use and free disposability, deriving from any other provision of law or from any contract entered into by an ecclesiastical entity of the one part and the Government or any other public entity of the other part".*

Illi hemm l-istess appellanti jghid li dan il-Ftehim sar parti mill-Ligi ta' Malta kif provdut bl-**Att IV ta' l-1992** u skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 10 ta' l-istess Att – Kap 358 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-appellant ghalhekk qed jargumenta u jissottometti li *stante* li r-regolamenti dwar l-ippjanar huma restrizzjoni fuq l-uzu u l-*'free disposabilty'* ta' kull propjeta` mela allura tali propjeta` hekk suggetta ghall-istess Ftehim imsemmi ma hijiex soggetta ghall-ksib ta' permessi mill-istess Awtorita' *stante* li tali regolamenti huma ekwivalenti ghal servitu' fuq l-istess propjeta` u ghalhekk kondizzjonijiet fuq l-istess li gew minn hekk ezenti skond l-istess artikolu citat.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirrileva li l-Ftehim imsemmi gie ffirmat fit-28 ta' Novembru 1991 u kien intiz sabiex jirregola it-trasferiment lill-Istat ta' dik il-propjeta` mmobbiljari f'Malta hemm indikata li kienet deskritta bhala li ma hijiex intiza mill-Knisja Kattolika ghal skopijiet pastorali u ghad-definizzjoni ta' certi kwistjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mar-relazzjonijiet bejn il-Knisja u l-Istat dwar l-istess propjeta` kollha li jirreferi ghaliha l-istess Ftehim. Tali Ftehim sar parti mill-Ligi ta' Malta bil-promulgazzjoni ta' l-**Att IV tal-1992** tat-12 ta' Gunju 1992 kif provdut **fl-artikolu 10 ta' l-istess Att.**

Illi min naha l-ohra l**-Att 1 ta' l-1992** kif sussegwentement emendat gie promulgat fit-28 ta' Ottubru 1992, att li ta adittu ghall-holqien ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u l-poteri taghha hemm indikati, inkluz sistemi ta' appell inkluza l-procedura odjerna.

Illi mill-istess Att, li sar wara l-imsemmi Ftehim, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-kontestazzjoni odjerna, ma hemm l-ebda dubju li ghal dik il-propjeta` mmobbli tal-Knisja u ta' l-entitajiet ekklesjastici li baqghu propjeta` ta' l-istess u ma kenux jinvolvu trasferiment lill-Istat skond l-imsemmi Ftehim, ma hemm l-ebda dispozizzjoni tal-Ligi inkluz fl-emendi ghall-**Kap 356** li b'xi mod jindikaw li l-istess proprjetajiet ma humiex suggetti ghall-istess dispozizzjonijiet ta' l-imsemmi Att, u ghalhekk skond id-dispozizzjonijiet kollha ta' l-istess **Kap 356** l-istess propjeta` mmobiljari ta' l-entitajiet ekklesjastici huma wkoll soggetti ghall-istess Att.

Illi fil-fatt l-**artikolu 30 (1) tal-Kap 356** jipprovdi li:-

*"(1) Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu, u tad-dispozizzjonijiet li gejjin ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, ebda zvilupp ma jista' jsir wara li jibda jsehh dan l-Att hlief bil-permess ta' l-Awtorita`, f'dan l-Att imsejjah permess ghal zvilupp".*

Illi fis-**subartikolu (2)** hemm definizzjoni ta' zvilupp u dan jinghad li sakemm ir-rabta ta' kliem ma tehtiegx xort'ohra *"zvilupp" tfisser l-eghmil ta' xoghol ta' bini, inginerija,*

*xoghol ta' barrieri, thaffir u xoghol iehor ghal kostruzzjoni, demolizzjoni jew tibdil f'art jew fil-bahar, jew fuqhom, jew 'il fuq minnhom jew tahthom, jew kull bdil sostanzjali fl-uzu ta' l-art jew bini, minbarra….."*

Illi minn dan jirrizulta li la r-rikorrenti u lanqas l-propjeta` mertu ta' dan ir-rikors ma hija *per se* ezentata mill-provedimenti ta' l-istess artikolu ghall-htiega ta' permess, u hawn ta' minn jinnota li l-istess rikorrenti ma huwiex qed jghid li l-istess natura ta' xoghlijiet mertu tal-kaz odjern huma b'xi mod *"xoghlijiet ezenti"* (*"kull xoghol jew zvilupp li ma jkunx jehtieg permess ghall-izvilupp taht it-Taqsima IV ta' dan l-Att"* – **artikolu 2 u 30 tal-Kap 356)** ghaliex is-sottomissjoni ta' l-istess rikorrenti, u dik li din il-Qorti ghandha quddiema, hija biss li dwar xoghol li jsir f'tali tip ta' bini u fuq gewwa, l-istess rikorrenti ma ghandux bzonn permess ghax id-dispozizzjonijiet tal-**Kap 356** ma japplikawx ghalih u ghall-istess propjeta`.

Illi pero' l-argument ta' l-istess rikorrenti ghandu difett serju fih *stante* li huwa stess qed jghid li l-istess propjeta` u r-rikorrenti huma suggetti ghall-istess **Kap 356** biss ghal dawk li jikkoncerna xogholijiet fuq barra, tant li huwa ammess mill-istess rikorrenti li ghall dawn l-ahhar tipi ta' xogholijiet esterni l-htiega ta' permess mill-Awrorita' hija necessarja skond il-ligi. Fil-fatt r-rikorrenti qed joggezzjona ghal tali rekwizit ta' permess ghall-izvilupp biss rigwardanti xogholijiet li jsiru gewwa l-knejjes tant li l-istess rikorrenti jghid testwalment li:-

*"2. Monsinjur Arcisqof m'ghandu bzonn ta' ebda permess minn hadd ghal xoghlijiet li hu ordna li jsiru gewwa* Knejjes *(bhal fil-kaz prezenti) a differenza ta' xoghlijiet li jsiru barra (nghidu ahna mal-faccata ta' barra ta' knisja)".*

Illi minn fejn l-istess rikorrenti qed jaghmel din id-distinzjoni dwar xogholijiet li jsiru fuq barra u fuq xogholijiet li jsiru fuq gewwa (la darba qed jinjora l-appikazzjoni ta' l-**artikolu 30 (2) (a) u (b)**) huwa ma jghid xejn, u certament tali distinzjoni maghmula mir-rikorrenti la tohrog mill-**Kap 356** u lanqas mill-**Kap 358.**

Illi l-istess rikorrenti jaghmel wkoll riferenza ghal dak li jipprovdu l-*Planning (Listed Buildings & Conservation Areas) Act 1990* u *L-Ecclesiastical Exemption (Listed Bulidings & Conservation Areas) Order 1994 fl-Ingilterra,* d-dispozizzjonijiet ta' liema certament ma humiex parti mill-Ligi ta' Malta, izda *se mai* jikkonfermaw li l-entitajiet hemm citati f'dak il-pajjiz gew ezenti mir-regolamenti ta' ippjanar bl-intervent *ad hoc* legistalattiv kif provdut fl-artikolu 60 (5) u 75 (5) ta' l-istess Att, haga li certament ma jidhirx li sar f'Malta mill-Parlament Malti.

Illi mhux hekk biss izda jidher mill-atti proceswali li l-istess propjeta` mertu tal-proceduri odjerni hija fil-fatt suggetta, bhal kull propjeta` ohra, ghall-effetti tal-**Kap 356** peress li tali propjeta` giet skedata bhala fi *grade one* taht id-dispozizzjioniet ta' l-istess **Kap 356** u senjatament **artikoli 2 u 46 ta' l-istess** u dik il-procedura sa llum ma gietx kontestata, anzi jidher li hija pacifika bejn il-partijiet odjerni.

Illi ma dan jizdied li l-istess **Kap 356** ma jaghmel l-ebda eccezzjoni dwar l-entitajiet jew immobbli bhal dawk mertu tal-kawza odjerna u dan kemm fid-defizzjoni ta' zvilupp, u wkoll fil-funzjonijiet ta' l-istess Awtorita' li skond l-**artikolu 4 (1) (b)** tinkludi *"l-kontroll ta' dak l-izvilupp skond il-pjanijiet ta' zvilupp u policies ta' ppjanar approvati skond dan l-Att"* u ghalhekk ma jistax jinghad li l-appell tar-rikorrenti jsib xi forma ta' gustifikazzjoni taht id-dispozizzjonijiet tal-**Kap 356.**

Illi jekk wiehed imur fuq l-**Kap 358** jidher car li skond l-istess Att u l-Ftehim hemm inkorporat ma hemm l-ebda riferenza kwalunkwe ghall-ligijiet dwar l-ippjanar jew *policies* ta' l-ippjanar u inqas u inqas hemm xi artikolu li jezenta lill-istess entitajiet ekklesjastici mill-provedimenti ta' l-istess ligijiet u regolamenti.

Illi jekk wiehed imbaghad ihares lejn l-**artikolu 3 ta' l-imsemmi Ftehim** hija l-opinjoni ta' din il-Qorti, li fid-dawl ta' l-iskop li l-partijiet dahlu sabiex jikkonkludu l-istess arrangament u cjoe' li jigu trasferiti lill-Gvern il-proprjetajiet immobbli hemm indikati, ma hemm l-ebda dubju li s-

**subartikolu (c)** jirreferi ghall-obbligazzjonijiet u kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet ohra li jimpingu fuq in-natura tat-titolu ta' propjeta` fuq l-istess immobbli, li jirreferu ghal drittijiet civili, kemm reali u personali li ghalihom hija suggetta l-istess propjeta` kollha msemmija fl-istess Ftehim,  u dan anke fejn l-istess drittijiet civili jistghu jaffetwaw l-uzu u anke d-disponibbilta' ta' l-istess u dan dejjem sabiex tiffacilita' t-titolu taz-zewg partijiet fuq l-istess immobbli u l-futur uzu u devoluzzjoni jew trasferiment ta' l-istess.

Illi f'dan il-kuntest jidher car li ma saret l-ebda riferenza ghall-provedimenti ta' natura legislattiva u amministrattiva fil-kuntest ta' ppjanar u zvilupp, u certament li r-rikorrenti mill-appell minnu interpost qed jaccetta dan ghaliex huwa stess qed jghid li tali mmobbli, anke dawk ritenuti mill-entitajiet ekklessjastici huma suggetti ghall-permess ta' zvilupp ta' l-Awtorita', ghandhom ikunu b'permess mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar. Fejn min-naha l-ohra l-istess rikorrenti mill-qari ta' l-istess artikolu qed jara tali ezenzjoni fuq xogholijiet ta' gewwa fl-istess knejjes jew bini iehor jibqa' mhux spjegat mir-rikorrenti, u dan fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ghaliex ovvjament mid-dicitura tal-ligi, li din il-Qorti hija obbligata li tapplika, tali distinzjoni ma tezistix. F'dan il-kuntest jinghad li lanqas seta` kienet fl-intenzjoni tal-kontraenti fl-istess Ftehim li jaghmlu tali distinzjoni ghaliex tali **Kap 356** sa dakinhar lanqas biss kien ghadu promulgat, apparti li x-xoghlijiet mertu tal-kaz odjern saru wara.

Illi hawn il-Qorti ser tieqaf sabiex tfakkar x'kienu x-xogholijiet mertu tal-prcedura odjerna. Illi fis-6 ta' Novembru 1997 kien inhareg kontra r-rikorrenti Avviz biex Tieqaf fuq il-Knisja St. Catherine's Parish Church, Triq il-Kbira, Zejtun, peress li gie ndikat lir-rikorrenti odjern li *"ghandhek zvilupp li jikkonsisti f'zewg nicec forma ta' arkati u hajt iehor faccata tagghom minghajr permess".*

Illi sar appell mill-istess rikorrenti peress li sostna li *"restructral works following removal of dangerouos structure at Zejtun Church (Your own letter dated 25/11/96 under ref. GF 1331/93 refers)".*

Illi jidher li l-istess Awtorita' qed tallega skond risposta taghha datata 26 ta' Novembru 1997 li *"l-izvilupp li huwa mertu ta' dan l-appell mhux xoghol ta' ristrutturar kif qed jghid l-appellant. L-appellat tramite ittra tal-25 ta' Novembru 1996 kien qal li seta isir xoghol "to carry out the necessary works to remove the danger and stop further deterioration of the structure". Din l-ittra da parti ta' l-appellat kienet b'twegiba ghall-ittra li nbtghat mill-perit J. Magro ghan-nom ta' l-appellant (u mhux incidentalment ghan-nom ta' l-Arcisqof). Fl-ittra tieghu (wkoll datata 25 ta' Novembru 1996) il-perit Magro kien qal li x-xoghlijiet li ried jaghmel l-appellant kienu "filling up of the cavities in the walls…. In order to restabilise the structure, as well as to carry out remedial maintenance work on the internal face of the main pilaster". Illi mkien ma hemm imsemmi f'din l-ittra tal-perit Magro l-izvilupp li dwaru hareg l-Avviz tat-Twettiq ijn kwistjoni b'mod partikolari iz-zewg nicec forma ta' arkati".*

Illi dwar il-mertu ta' l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar jigi nnutat li din hija propjeta` skedata *grade one* mill-Awtorita' appellata taht l-**Kap 356** wkoll l-**artikolu 46 ta' l-istess,** u dan l-iskedar lanqas gie kontestat mill-istess rikorrenti u allura lanqas hemm dubju li dwar xogholijiet fl-istess japplikaw id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 46 (3) (4) (5) u (6) ta' l-artikolu 46,** u ma jidhirx li sar appell mill-istess rikorrenti jew minn xi persuna ohra dwar l-iskedar ta' l-istess propjeta` u certament dan ifisser li r-rikorrenti qed jaccetta li l-istess Awtorita' intimata ghall-poter legali li tirregola zviluppi fl-istess propjeta`; dan apparti li jidher li r-rikorrenti stess bil-korrispondenza tieghu jew ghan-nom tieghu kien qed qisu jaderixxi ruhhu mad-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 46 (6) ta' l-istess Kap** u fl-appell tieghu quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, ma hemmx dubju li l-aggravju tieghu huwa wkoll ben differenti minn dak li qed isostnu llum, ghaliex qed jimplika li l-allegati xogholijiet interni fil-knisja li huwa qed isejjah bhala *"restructural works"* saru abbazi ta' l-ittra datata 25 ta' Novembru 1996 – Referenza 1331/93. Dan ovvjament juri li l-pozizzjoni tar-rikorrenti dakinhar kienet epprezentata minnu b'mod hafna differenti minn dik

odjerna u kien gja accetta u ssottometa ruhhu ghall-kompetenza ta’ l-Awtorita’ ta’ L-Ippjanar u kwindi ghall-fatt li l-istess provedimenti tal-**Kap 356** huma applikabbli ghall-kaz in ezami u certament din ukoll timmilita mat-tezi odjerna ta’ l-appellant mertu ta’ dan l-appell, anzi addirittura hija fatali ghall-istess ghaliex jidher li l-istess rikorrenti kien gja accetta l-poteri u l-kompetenza ta’ l-istess Awtorita’; u dan apparti l-fatt li mill-applikazzjoni ohra msemmija mill-appellati l-istess entitajiet ekklesjestici dejjem accettaw il-pozizzjoni legali attwali, b’rispett anke lejn ir-*Rule of Law.*

Illi hemm ukoll argument iehor ghaliex din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni, dejjem konness ma’ l-iskop li sar l-istess Ftehim imsemmi bejn l-Istat u s-Santa Sede dwar it-trasferiment ta’ certa proprjeta tal-Knisja lill-Gvern ta’ Malta inkluz l-abrogazzjoni tad-*Devolution of Certain Church Property Act 1983* u l-avvizi legali kollha konnessi, li kienu gja gew dikjarati nulli permezz ta’ decizjoni tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kollox kif indikat fl-**artikolu 14 ta’ l-istess Ftehim.**

Illi hawn il-Qorti qed talludi ghad-dicitura proprja ta’ l-istess **artikolu 3 tal-Ftehim citat** fejn l-provedimenti hemm indikati kellhom jiehdu effett fid-data li kellu jigi *in vigore* l-istess Ftehim u dan dejjem biex l-Istat u l-entita’ ekklesjastika jkollhom titolu u pussess legali effettiv fuq l-istess immobbli rispettivament propjeta` ta’ kull wiehed u wahda minnhom, u ma hemm l-ebda dubju li dan l-artikolu qed jitkellem biss dwar titolu, uzu u pussess minn dan il-lat, anke ghaliex sussegwentement fl-**artikolu 15 ta’ l-istess Ftehim** huwa car li dwar trasferiment u pussess futur ta’ l-istess propjeta` lill-terzi kull parti kellha tirrispetta l-ligijiet attwali tal-pajjiz tant li l-istess artikolu jipprovdi testwalment li:-

*“Nothwithstanding any other provision of law, <u>as from the date of coming into force of this Agreement</u>,* (sottolinear tal-Qorti), *the ownership, acquistion, possession, administration, alienation of and succession to immovable property by ecclesiastical entities are regulated by the ordinary laws of general applicability”.*

Illi dan l-artikolu jaghti l-perspettiva korretta ta’ kif ghandu jigi interpretat l-istess Ftehim, u l-intendiment ghall-artikolu 3 ta’ l-istess anke enfassizat bid-dicitura uzata riferribbli ghall-mument ezatt meta tali propjeta` kellha tigi effettwata bl-istess Ftehim proprju bir-riferenza cara ghall-kliem *“as on the date of coming into force of the present agreement”,* mentri min-naha l-**artikolu 15** appena citat jaghmilha cara li ghall-effetti civili hemm deskritti, inkluz l-uzu, pussess u trasferiment ta' propjeta` mill-kull parti ghall Ftehim *causa mortis* jew *inter vivos,* dawn kellhom isegwu l-principji generali tal-ligi fl-istess rigward. Minn dan jirrizulta wkoll li qatt ma kien hemm la intendiment u wisq anqas riferiment ghall xi forma ta’ ezenzjoni mill-applikabilita’ tal-ligi ta’ l-ippjanar ghall-istess bini u kull zvilupp fihom, iktar u iktar jekk dan kien ghadu ser issir.

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-konkluzjoni tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar hija korretta din il-Qorti taqbel ma’ dak li ddecieda l-Bord dwar dan l-aggravju. *Inoltre* tirreferi wkoll ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **“Dr Mark Bonello noe vs l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** (21/01/RCP – 28/10/02):-

*“…..li kieku l-legislatur ried b’xi mod jezenta lill-appellanti milli jottjenu tali permess jew permess simili, kien certament jipprovdi espressament ghalih, u la darba ma hemm xejn fil-ligi dwar l-istess, certament li tali ezenzjoni pretiza mill-appellanti ma tezistiex u din hija konkluzjoni logika li din il-Qorti necessarjament ghandha taddotta in omagg tal-massima “ubi lex voluit dixit”. Dan ifisser ukoll li l-istess appellanti huma soggetta ghall-ligi bhal kull persuna ohra, fizika jew legali.”*

Illi l-istess japplika ghall-kaz in kwistjoni. Infatti mkien fl-**Att 1 ta’ l-1992** jew f’xi ligi ohra l-istess rikorrenti ma huwa b’xi mod ezenti milli jitlob li jinghata permess ta’ zvilupp relattiv ghax-xogholijiet in kwistjoni u dan apparti li l-Ligi mkien ma tiddistingwixxi bejn zvilupp fuq barra jew fuq gewwa fejn jirrigwarda l-Knisja jew bini simili, hlief kif provdut fl-Att innifsu. L-istess pozizzjoni hija dik tal-Gvern dwar il-propjeta` mmobbli kollha li ghaddiet ghandu

in forza ta’ l-istess Ftehim u Ligi u dan din il-Qorti zzidu ma’ dak li gja qal fid-decizjoni il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ghaliex kulhadd huwa sugett ghall-Ligi tal-Pajjiz u fuq kollox ghall- Kostituzzjoni ta’ Malta.

Illi ghalhekk l-appell ta’ l-appellant anke fuq dan l-aggravvju tieghu ghandu jigi michud anke ghaliex l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fil-kompetenza tieghu ddecieda li tali xoghlijiet mertu ta’ l-Avviz ta’ Twaqqif imsemmi kienu xoghol strutturali u zvilupp skond **l-artikolu 30 tal-Kap 356** u kien jehtieg permess ghall-izvilupp li r-rikorrenti jidher li ma ghandux.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-Awtorita’ appellata skond kif kontenuti fir-risposta taghha ta’ l-10 ta’ Jannar 2003, **tichad l-appell interpost mill-appellant l-Arcipriet Alfred Vella bir-rikors tieghu datat 22 ta’ Ottubru 2002** u kwindi tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **“Arcipriet Alfred Vella vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** datata 11 ta’ Ottubru 2002.

Bl-ispejjez kollha jithallsu mill-appellant l-Arcipriet Alfred Vella.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------